



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5429/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0013(NLE)

PECHE 10

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Jannar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 22 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 22 final.

Mehmuż: COM(2022) 22 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.1.2022
COM(2022) 22 final

2022/0013 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fit-28 ta' Settembru 2021, il-Kunsill adotta deċiżjoni¹ li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tiftaħ negozjati għal Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika ta' Mauritius u, jekk ikun meħtieġ biex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd, għal estensjoni limitata tal-Protokoll attwali għall-Ftehim (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll 2017-2021"), li skada fis-7 ta' Diċembru 2021.

Id-deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija tistabbilixxi li f'każ li n-negozjati għal Protokoll ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern ta' Mauritius jieħdu aktar żmien milli mistenni², u sabiex jiġi evitat li l-attivitajiet tas-sajd jiġu interrotti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprowa taqbel mal-Gvern ta' Mauritius li ttawwal il-Protokoll 2017-2021³, għal perjodu limitat li ma jkunx ta' aktar minn sitt xhur, sakemm tkompli tipprowa tilħaq ftehim dwar Protokoll ġdid ma' dan il-pajjiż f'konformità mal-objettivi stabbiliti fid-deċiżjoni.

Minħabba r-restrizzjonijiet preżenti, l-ewwel ċiklu ta' negozjati seta' jsir biss mill-bogħod fis-6 ta' Diċembru 2021 fi Brussell u f'Port Louis (ir-Repubblika ta' Mauritius). Waqt il-laqgħa, in-negozjaturi tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika ta' Mauritius stabbilixxew li minħabba li dawn in-negozjati huma kumplessi, se jkun hemm bżonn diversi ċikli ta' negozjati sabiex dawn jiġu ffinalizzati. Għalhekk, iż-żewġ partijiet qablu li jestendu l-Protokoll 2017-2021 għal perjodu massimu ta' sitt xhur, f'konformità mad-deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija. Din l-estensjoni ġiet stabbilita permezz ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li ġie inizjalat fis-6 ta' Diċembru 2021.

Sabiex l-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tal-Unjoni Ewropea li topera fl-ilmijiet tar-Repubblika ta' Mauritius ma jiġux interrotti b'mod sinifikanti, jenħtieġ tiġi adottata malajr kemm jista' jkun Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri sabiex tippermetti l-iffirmar tal-ftehim mill-partijiet u t-tkomplija tal-attivitajiet tas-sajd mill-aktar fis possibbli.

Għalhekk, il-Kummissjoni qed tipprowa li l-Kunsill jawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' dan l-Iskambju ta' Ittri li jippermetti li l-Protokoll 2017-2021 jiġi estiż għal perjodu massimu ta' sitt xhur.

L-għan tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa li jestendi l-applikazzjoni tal-Protokoll 2017-2021 biex ikompli jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea fl-ilmijiet ta' Mauritius f'konformità mal-parir xjentifiku u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC), fil-limiti tas-surplus disponibbli. L-għan huwa wkoll li tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika ta' Mauritius, sabiex jinholq qafas ta' sħubija għall-iżvilupp ta' politika tas-sajd

¹ COUNCIL DECISION authorising the opening of negotiations with the Republic of Mauritius for the conclusion of an Implementing Protocol to the Fisheries Partnership Agreement between the European Union and the Republic of Mauritius (11508/21).

² B'mod partikolari minħabba l-konsegwenzi tas-sitwazzjoni sanitarja globali attwali minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

³ Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 279, 28.10.2017, p. 3).

sostenibbli u użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona ta' sajd tar-Repubblika ta' Mauritius, fl-interess taż-żewġ partijiet.

Il-Protokoll 2017-2021 ippermetta lill-flotta tal-UE tistad fl-ilmijiet tal-Mauritius għat-tonn u għal speċijiet li jixbhu lit-tonn, għal opportunitajiet annwali tas-sajd indikattivi ta' 4 000 tunnellata. Fir-rigward ta' dan, il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri biex il-Protokoll jiġi estiż b'massimu ta' sitt xhur jipprevedi opportunitajiet tas-sajd indikattivi ta' 2 000 tunnellata u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-aċċess għandha tiġi aġġustata kif xieraq kif stabbilit fil-punt 4 ta' dan il-Memorandum ta' Spjegazzjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

F'konformità mal-prijoritajiet tar-riforma tal-politika tas-sajd⁴, il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri biex tiġi estiża l-applikazzjoni tal-Protokoll 2017-2021 ikompli jipprovdi opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet ta' Mauritius, abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli u skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-IOTC. Il-Ftehim jippermetti wkoll lill-Unjoni Ewropea u lir-Repubblika ta' Mauritius jkomplu jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex jippromwovu l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Mauritius u jappoġġaw l-isforzi tal-Gvern tar-Repubblika ta' Mauritius biex tiżviluppa s-settur tas-sajd tagħha, fl-interess taż-żewġ partijiet. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni kontinwa mal-Mauritius hija wkoll strateġika għall-alleanzi u l-pożizzjonament tal-UE fir-reġjun u b'mod partikolari fl-IOTC.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri biex jiġi estiż il-Protokoll 2017-2021 jiffirma parti mill-azzjoni esterna tal-UE fir-rigward tal-pajjiżi AKP u jqis, b'mod partikolari, l-oġġettivi tal-UE dwar ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika magħżula hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 43(2) li jistabbilixxi l-Politika Komuni tas-Sajd u l-Artikolu 218(5) li jikkonċerna l-proċedura għall-iffirmar tal-ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata mal-oġġettiv li jiġi stabbilit qafas ta' governanza ġuridika, ambjentali, ekonomika u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd li l-bastimenti tal-Unjoni jwettqu fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Artikolu 31 tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd. Hija tikkonforma ma' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll mad-dispożizzjonijiet dwar l-assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi stabbiliti fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament.

L-estensjoni ta' sitt xhur tal-qafas stabbilit mill-Protokoll 2017-2021, li skada fis-7 ta' Diċembru 2021, għandha l-għan li tillimita l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd mill-flotta

⁴ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22

Ewropea li topera fl-ilmijiet ta' Mauritius, peress li l-proċess ta' negozjar għal Protokoll għdid għadu għaddej.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati matul l-evalwazzjoni tal-Protokoll 2017-2021 għat-tiġdid tal-Protokoll. Ġew ikkonsultati wkoll l-esperti mill-Istati Membri waqt trilogu tekniku. Minn dawn il-konsultazzjonijiet ħareġ li jkun ta' benefiċċju li jiġġedded il-Protokoll tas-Sajd mar-Repubblika ta' Mauritius. Din il-proposta għal estensjoni tal-Protokoll 2017-2021 tiffirma stadju mill-proċess tan-negozjar għal dan it-tiġdid.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-industrija, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tar-Repubblika ta' Mauritius ġew ikkonsultati fil-kuntest tal-evalwazzjoni. Saru wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni użat konsulent indipendenti għall-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante*, f'konformità mal-Artikolu 31(10) tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni finanzjarja għal sitt xhur mill-Unjoni Ewropea hija ta' EUR 287 500, abbażi ta':

- (a) ammont għall-aċċess tal-kategoriji previsti fil-Protokoll għar-riżorsi tas-sajd ta' EUR 110 000 għad-durata tal-estensjoni tal-Protokoll;
- (b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd tar-Repubblika ta' Mauritius li jammonta għal EUR 110 000 għad-durata tal-estensjoni tal-Protokoll. Dan l-appoġġ jilħaq l-oġettivi tal-politika nazzjonali tar-Repubblika ta' Mauritius b'rabta mal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd marittimi għad-durata kollha tal-estensjoni tal-Protokoll;
- (c) Appoġġ għall-iżvilupp tal-politika marittima u l-ekonomija tal-oċeani li jammonta għal EUR 67 500;

L-ammont għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa stabbilit fil-proċedura baġitarja annwali, fosthom għal-linja ta' riżerva għall-protokolli li jkunu għadhom ma daħlux fis-seħħ fil-bidu tas-sena⁵.

L-Iskambju ta' Ittri marbuta mal-estensjoni jistabbilixxu wkoll klawżola ta' tnaqqis pro rata f'każ li n-negozjati biex jiġġedded il-Protokoll iwasslu biex dawn jiġu ffirmati u, b'hekk, biex dawn jidħlu fis-seħħ qabel ma tiskadi l-estensjoni ta' sitt xhur li għaliha japplika l-Iskambju ta' Ittri.

⁵ F'konformità mal-Ftehim interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni f'materji ta' baġit (2013/C 373/01).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju⁶ ("il-Ftehim"), li ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2014/146/UE⁷, daħal fis-seħħ fit-28 ta' Jannar 2014.
- (2) L-applikazzjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ("il-Protokoll")⁸ bdiet fit-8 ta' Diċembru 2017 għal perjodu ta' erba' snin. Dak il-Protokoll skada fis-7 ta' Diċembru 2021.
- (3) Fit-28 ta' Settembru 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika ta' Mauritius għall-konklużjoni ta' Protokoll ġdid li jimplimenta l-Ftehim⁹.
- (4) Sakemm jitlestew in-negozjati dwar it-tiġdid tal-Protokoll, il-Kummissjoni innegozjat, f'isem l-Unjoni Ewropea, Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar estensjoni tal-Protokoll għal perjodu massimu ta' sitt xhur. Dawn in-negozjati fuq l-estensjoni tal-Protokoll intemmu b'suċċess u l-Iskambju ta' Ittri ġie inizjalat fis-6 ta' Diċembru 2021.
- (5) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius jkomplu jaħdmu flimkien biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tar-Repubblika ta' Mauritius u li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom f'dawn l-ilmijiet.

⁶ ĠU L 79, 18.3.2014, p. 3.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 2).

⁸ Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 279, 28.10.2017, p. 3.)

⁹ COUNCIL DECISION authorising the opening of negotiations with the Republic of Mauritius for the conclusion of an Implementing Protocol to the Fisheries Partnership Agreement between the European Union and the Republic of Mauritius (11508/21).

- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (7) Jenħtieġ li l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri jiġi applikat provviżorjament, sa meta jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu, biex tiġi limitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tar-Repubblika ta' Mauritius,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius, ("Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri") huwa approvat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument li jagħti s-setgħa sħiħa lill-persuna indikata mill-Kummissjoni biex tiffirma l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri f'isem l-Unjoni Ewropea, suġġett għall-konklużjoni tagħha.

Artikolu 3

F'konformità mal-paragrafu 10 tiegħu, il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu japplika provviżorjament mill-1 ta' Jannar 2022 jew minn kull data oħra wara l-iffirmar tiegħu, sa ma jidħol fis-seħħ.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-UE, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius, li skadiet fis-7 ta' Diċembru 2021.

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

08 – Politika agrikola u marittima

08 05 – Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) u Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO)

08 05 01 – Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi.

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja

X l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

In-negozjati u l-konklużjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) mal-pajjiżi terzi jissodisfaw l-objettiv ġenerali li jagħtu l-aċċess lill-bastimenti tas-sajd tal-UE għaż-żoni tas-sajd tal-pajjiżi terzi u li jiżviluppaw sħubija ma' dawk il-pajjiżi bil-għan li jissaħħaħ l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd barra mill-ilmijiet tal-UE.

L-SFPAs jiżguraw ukoll il-koerenza bejn il-prinċipji li jirregolaw il-politika komuni tas-sajd u l-impenji meħudin fil-kuntest ta' politiki Ewropej oħrajn (l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), l-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-ekonomija globali u governanza politika u finanzjarja aħjar tas-sajd).

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv speċifiku

Għall-kontribuzzjoni tas-sajd sostenibbli fl-ilmijiet mhux tal-UE, għaż-żamma ta' preżenza Ewropea fis-sajd fl-ilmijiet imbiegħda u għall-protezzjoni tal-interessi tas-settur tas-sajd Ewropew u tal-konsumaturi permezz tan-negozjar u tal-konklużjoni tal-SFPAs mal-istati kostali, li huma konsistenti mal-politiki Ewropej oħra.

Attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

L-affarijiet marittimi u s-sajd, sabiex jinbena qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd li jagħmlu l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi (SFPAs) (il-linja baġitarja 08 05 01).

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

L-estensjoni tal-Protokoll 2017-2021 għall-FPA eżistenti se tillimita l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd mill-bastimenti Ewropej, peress li l-Protokoll skada fis-7 ta' Diċembru 2021 u n-negozjati u l-adozzjoni ta' Protokoll ġdid se jieħdu ż-żmien. L-estensjoni se tkun tapplika għal perjodu massimu ta' sitt xhur, sa ma jitlestew in-negozjati biex jiġġedded il-Protokoll.

Il-Ftehim għall-estensjoni tal-Protokoll 2017-2021 ikompli jippermetti l-istabbiliment ta' sħubija strateġika dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika ta' Mauritius. Il-Ftehim li jestendi l-Protokoll se jkompli jikkontribwixxi wkoll għal ġestjoni u konservazzjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, permezz ta' appoġġ finanzjarju (appoġġ settorjali) għall-implimentazzjoni tal-programmi adottati fil-livell nazzjonali mill-pajjiż sieħeb, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ u mal-ġlieda kontra s-sajd illegali u mal-appoġġ għas-settur tas-sajd fuq skala żgħira.

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Ir-rati tal-użu tal-opportunità tas-sajd (l-użu annwali tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd bħala perċentwali tad-disponibbiltà skont il-Protokoll).

Id-data dwar il-qabdiet (il-ġbir u l-analiżi) u l-valur kummerċjali tal-Ftehim.

Il-kontribut għall-impjieg u għall-valur miżjud fl-UE, kif ukoll għall-istabbilizzazzjoni tas-suq tal-UE (flimkien ma' aggregat ta' SFPAs oħrajn).

Il-kontribuzzjoni għat-titjib tar-riċerka, tas-sorveljanza u tal-kontroll tal-attività tas-sajd mill-pajjiż sieħeb u l-iżvilupp tas-settur tas-sajd tiegħu, b'mod partikolari fis-settur tas-sajd fuq skala żgħira.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil, inkluża kronoloġija dettaljata għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Huwa maħsub li l-Iskambju ta' Ittri li jestendi l-Protokoll jibda japplika provviżorjament mill-1 ta' Jannar 2022 jew kwalunkwe data sussegwenti oħra mal-iffirmar tal-Iskambju ta' Ittri, sabiex tiġi limitata l-interruzzjoni tal-operazzjonijiet tas-sajd wara l-iskadenza tal-Protokoll 2017-2021.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetà). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.*

Jekk l-UE ma tikkonkludix Protokoll ġdid, il-bastimenti tal-UE ma jkunux jistgħu jibqgħu jwettqu l-attivitàjiet tas-sajd tagħhom, billi l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fih klawżola li teskludi l-attivitàjiet tas-sajd li ma jsirux fi ħdan il-qafas iddefinit minn protokoll tal-Ftehim. Għaldaqstant, il-valur miżjud għall-flotta ta' distanzi twal tal-UE huwa ċar ferm. Il-Protokoll jipprovdi wkoll qafas għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE u r-Repubblika ta' Mauritius. Il-Ftehim għal estensjoni tal-Protokoll 2017-2021 huwa stadju mill-proċess tan-negozjar għal dan it-tiġdid.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

B'analiżi tal-qabdiet li saru fiż-żona tas-sajd potenzjali tar-Repubblika ta' Mauritius, bil-valutazzjonijiet u bil-pariri xjentifiċi disponibbli, il-Partijiet irnexxielhom jistabbilixxu tunnellaġġ ta' referenza ta' 4 000 tunnellata fis-sena għat-tonn u għall-ispeċijiet li jixbhuh u opportunitajiet tas-sajd għal 40 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni tal-borża u għal 45 bastiment tas-sajd bil-konz. L-appoġġ settorjali jqis il-ħtiġijiet f'termini relatati mat-tisħiħ tal-bini tal-kapaċitajiet fl-Awtoritajiet tas-sajd tar-Repubblika ta' Mauritius u l-prijoritajiet tal-istrateġija nazzjonali tas-sajd, fosthom, b'mod partikolari, ir-riċerka xjentifika u l-inizjattivi ta' kontroll u ta' monitoraġġ tas-sajd.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-fondi provduti għall-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess fil-kuntest tal-FPA jikkostitwixxu dħul funzibbli fil-baġit nazzjonali tar-Repubblika ta' Mauritius. Madankollu, il-fondi maħsuba għall-appoġġ settorjali huma allokat i (ġeneralment

permezz tal-inklużjoni fil-liġi dwar il-baġit annwali) lill-Ministeru responsabbli għas-sajd, bħala kondizzjoni għall-konklużjoni u għall-monitoraġġ tal-SFPAs. Dawn ir-riżorsi finanzjarji huma kompatibbli ma' sorsi oħra ta' finanzjament minn fornituri oħra ta' finanzjament internazzjonali għat-tweqqif ta' proġetti u/jew programmi fil-livell nazzjonali fis-settur tas-sajd.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Mhux applikabbli

Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

X durata limitata

☐ Fis-seħħ mill-2022 sal-2022

X Impatt finanzjarju fl-2022 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

☐ durata mhux limitata

Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS, segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)¹¹

X Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

X mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

☐ lill-korpi regolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji fit-taqsimha "Kummenti".

¹¹ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

Kummenti

--

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-Kummissjoni (DG MARE), f'kooperazzjoni mal-attaché tas-sajd tagħha bbażat fid-Delegazzjoni tal-UE għar-Repubblika ta' Mauritius se tiżgura monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-estensjoni tal-Protokoll 2017-2021 fir-rigward tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd min-naħa tal-operaturi, mad-data dwar il-qbid u f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-appoġġ settorjali.

L-FPA jipprevedi mill-inqas laqgħa annwali waħda tal-Kumitat Konġunt, li matulha l-Kummissjoni u r-Repubblika ta' Mauritius jirrevedu l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd u l-estensjoni tal-Protokoll tiegħu u, jekk ikun meħtieġ, jaġġustaw l-ipprogrammar u, jekk applikabbli, il-kontribuzzjoni finanzjarja.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Ir-riskju identifikat huwa n-nuqqas ta' użu tal-opportunitajiet tas-sajd mis-sidien tal-bastimenti tal-UE u n-nuqqas ta' użu jew id-dewmien fl-użu tal-fondi maħsubin għall-finanzjament tal-politika settorjali tas-sajd mir-Repubblika ta' Mauritius.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Huwa pjanat djalogu estensiv dwar il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali stabbilita fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd u fl-estensjoni tal-Protokoll. Analiżi konġunta tar-riżultati tiffirma parti wkoll minn dawn il-metodi ta' kontroll.

Barra minn hekk, il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd u l-estensjoni tal-Protokoll fihom klawżoli speċifiċi għas-sospensjoni tagħhom, fil-qafas ta' ċerti kundizzjonijiet u f'ċerti ċirkustanzi.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta’ errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta’ prevenzjoni u ta’ protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-Kummissjoni tintrabat li tistabbilixxi djalogu politiku u li tikkoordina b’mod regolari mar-Repubblika ta’ Mauritius bil-ħsieb li ttejjeb il-ġestjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd u l-estensjoni tal-Protokoll u li ssaħħaħ il-kontribut tal-UE għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi. Kwalunkwe pagament li l-Kummissjoni tagħmel fil-qafas tal-SFPA huwa soġġett għar-regoli standard tal-Kummissjoni u għall-proċeduri baġitarji u finanzjarji tagħha. B’mod partikolari, il-kontijiet tal-bank tal-pajjiżi terzi li fihom titħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja huma identifikati bis-sħiħ. Il-Protokoll jipprevedi li l-kontribuzzjoni finanzjarja trid titħallas f’kont bankarju nnominat tar-Repubblika tal-Mauritius.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ¹²	mill-pajjiżi tal-EFTA ¹³	mill-pajjiżi kandidati ¹⁴	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	08 05 01 Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi	Diff.	Le	Le	Le	Le

Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.SS.SS.SS]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

¹² Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

¹³ EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁴ Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru 2	Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali
--	------------	---------------------------------------

DĠ: MARE			2022	TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali				
Linja baġitarja ¹⁵ 08 05 01	Impenji	(1a)	0,288	0,288
	Pagamenti	(2a)	0,288	0,288
Linja baġitarja	Impenji	(1b)		
	Pagamenti	(2b)		
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ¹⁶				
Linja baġitarja		(3)		
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ MARE	Impenji	= 1a + 1b + 3		
	Pagamenti	= 2a + 2b + 3		

¹⁵ Skont in-nomenklatura tal-baġit uffiċjali.

¹⁶ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,288	0,288
	Pagamenti	(5)	0,288	0,288
•TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)		
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-INTESTATURA 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0,288	0,288
	Pagamenti	=5+ 6	0,288	0,288

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)		
	Pagamenti	(5)		
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)		
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6	0,288	0,288
	Pagamenti	=5+ 6	0,288	0,288

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Jenħtieġ li din it-taqsimha timtela billi tintuża d-“*data* baġitarja ta’ natura amministrattiva” li qabel kollox trid tiddaħħal fl-[Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) (l-Anness V tar-regoli interni), li għandha tittella’ fuq “DECIDE” għal finijiet tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2020	2021	TOTAL
DĠ: MARE				
•Riżorsi umani				
•Nefqa amministrattiva oħra				
TOTAL tad-DĠ MARE	Appropriazzjonijiet			

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti)			
--	---	--	--	--

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2022	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0,288	0,288
	Pagamenti	0,288	0,288

3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali

Appropriazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l- objettivi u l- outputs ↓								2022	TOTAL		
	Tip ¹⁷	Kost medju	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Numr u totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁸ ...											
- Aċċess	Annwa							0,110			0,110
- Settorjali	Annwa							0,110+ 0,068			0,178
– Output											
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1											0,288
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...											
– Output											
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2											
TOTALI											0,288

¹⁷ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).
¹⁸ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

X Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ¹⁹	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	-------------------------	-------------	-------------	-------------	---	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

Barra mill- INTESTATURA 5 ²⁰ of the multiannual financial framework								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL								
--------------	--	--	--	--	--	--	--	--

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

¹⁹ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Jekk jogħġbok issostitwixxi n-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

²⁰ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

X Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)					
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)					
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)					
XX 01 05 01/11/21 (Riċerka indiretta)					
10 01 05 01/11 (Riċerka diretta)					
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)²¹					
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")					
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)					
XX 01 04 ss ²²	- fil-Kwartieri Ġenerali				
	- fid-delegazzjonijiet				
XX 01 05 02/12/22 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)					
10 01 05 02/12 (AC, END, INT - Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
TOTAL					

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	L-implimentazzjoni tal-estensjoni tal-Protokoll (il-pagamenti, l-aċċess għall-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet tar-Repubblika ta' Mauritius, l-ipproċessar tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd), it-tnejn u s-segwitu tal-laqgħat tal-Kumitati Konġunti, il-preparazzjoni tat-tiġdid tal-Protokoll, l-evalwazzjoni esterna, il-proċeduri leġiżlattivi u n-negozjati.
Persunal estern	L-implimentazzjoni tal-Protokoll kif estiż: il-kuntatt mal-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Mauritius b'rabta mal-aċċess tal-bastimenti tal-UE għall-ilmijiet tar-Repubblika ta' Mauritius, l-ipproċessar tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, il-preparazzjoni u s-segwitu tal-laqgħat tal-Kumitati Konġunti, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali.

²¹ AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

²² Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprijazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

X tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Dan għandu x'jaqsa mal-użu tal-linja ta' riżerva (il-Kapitolu 40).

☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhum meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw.

☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhum meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

X ma tipprevedi kofinanzjament minn partijiet terzi

☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ²³	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

²³

Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Jekk jogħġbok issostitwixxi n-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

indika jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet
deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²⁴						
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
L-Artikolu								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

²⁴ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.